MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2006

Avviz Numru. 274/2002/1

**Alfred Caruana Debrincat**

**Vs**

**Alfred Briffa**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jkun ikkundannat, prevja dikjarazzjoni ta' din il-Qorti illi l-artikolu "Jghib Salib tad-Deheb ta' l-Ezorcizmu" ippubblikat fl-ewwel faccata ta' "It-Torca" tat-3 ta' Marzu, 2002, ta' liema pubblikazzjoni il-konvenut l-editur registrat – huwa libelluz u malafamanti fil-konfront tal-attur, ihallas lill-attur is-somma li tiffissa din il-Qorti li ma teccedix Lm5000.00,0 a tenur tal-Art. 28 tal-Kap. 248.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat l-artikolu in esami anness mal-istess avviz a fol 2 tal-atti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut a fol 6 tal-atti u li biha eccepixxa bil-qima:-

1. Illi l-kitba "de qua" hi semplici rapport fuq gurnal ghat-taghrif tal-pubbliku, u hemm fatti veri.
2. Illi l-istess kitba hi nieqsa minn kull *animus injuriandi*.
3. Illi ghalhekk mhux minnu li l-artikolu hu "libelluz u malafamanti" kif allegat.
4. Salvi u b'riserva ta' eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi senjatament wara li l-attur jghid biex u kif hassu malafamat.

Rat id-dokument, presentat b'nota a fol 14 u 15 tal-atti, u li minnu jidher li l-konvenut kien l-editur registrat tal-gazzetta in kwistjoni fit-3 ta' Marzu 2002.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni da parti tal-konvenut kif ukoll rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur a fol 43 ibid (ara ukoll fol 46 u fol 47 ibid).

Ikkunsidrat

Illi in rigward il-fatti in esami, l-attur (fol 18 u fol 30 et seq ibid) xehed illi hu jippartecipa f'komunita religuza (ara ukoll id-dokumenti a fol 33 ibid). Fil-lejl in kwistjoni, hu kien ha parti f'adorazzjoni u l-ghada filghodu kien sab miksura l-hgiega tal-karozza tieghu. Minhabba hekk, hu kien mar jirraporta dan lill-Pulizija tad-distrett u wara lis-"Surgent" presumibilment PS614 Saviour Garcia (ara fol 25 et seq ibid) il-hgiega miksura liema fizzjal kien qallu sabiex jaghmel ir-rapport aktar tard, filghaxija presumibilment minhabba n-numru pjuttost kbir ta' nies li kien hemm fl-ghassa. Sussegwentement, hu induna li mill-istess karozza, kien hemm "Basket" nieqes li fih kien hemm Bibbja, salib zghir lewn id-deheb li kien inghata lilu

minn Nunzju Appostoliku, xi domni u curcifissi u, meta wasal fejn jahdem, hu kien cempel lill-istess fizzjal imsemmi u nformah b'dan. Inoltre, filghaxija, kien mar jaghmel ir-rapport, kif di gja msemmi u l-istess fizzjal informah li kien instab "basket", li l-attur gharaf bhala dak nieqes mill-karozza tieghu. In rigward il-kontenut tieghu, hu ra li kien hemm nieqes biss l-imsemmi salib, liema salib kien jintuza minnu ghall-iskop ta' evangelizzazzjoni u mhux ghal dak ta' ezorcizmu. Difatti hu specifika li "jiena ma inhiex ezorcista" u sostna illi, meta kien ghamel ir-rapport lill-Pulizija, ma kienx semma' illi hu jezercita l-ezocizmu. Inoltre ma kellhux permess, sabiex jezercita dan, mill-Awtorita Ekklesjastika. Pero kien hareg l-artikolu in kwistjoni u minhabba dan "batejt hafna" anke fizikament, billi "kemm il-darba kont inkun ghaddej mit-triq u kien ikun hemm xi nies li kienu jghiduli "nehhieh ix-xitan".

Ikkunsidrat

Illi, fl-artikolu in esami (fol 2 tal-atti) jigi notat illi jinghad fih illi l-Pulizija qed tinvestiga serqa "mhux tas-soltu ta' salib tad-deheb li jinghad li kien jintuza ghall-ezorcizmu. L-istess artikolu jkompli jghid li din is-serqa kienet saret meta l-attur kien jinstab f'Bugibba "biex jaghmel riti ta' ezorcismu" u mill-karozza tieghu kienet ittiehdet bagalja kontenti l-istess salib u oggetti ohra sagri, wara li tkissret hgiega tal-istess karozza. L-artikolu jghid, esplicitament, illi l-attur kien informa lill-Pulizija li minn din il-bagalja, kienu nsterqu ma oggetti ohra "salib tad-deheb" li huwa juza fir-riti ta' l-ezorcizmu li jiswa aktar minn Lm5000 ….". Imbaghad jinghad li l-gazzetta in kwistjoni tkellmet ma diversi ezorcisti li informawha illi f'Malta hemm erba' persuni biss, mahtura mill-Arcisqof ufficjalment bhala ezorcisti "li kollha huma sacerdoti u jifformaw kummissjoni". Fl-ahhar paragrafu jinghad li l-attur "la hu sacerdot u lanqas hu wiehed mill-erba' ezorcisti …". Inoltre fl-ahhar nett, saret referenza ghan-numru ta' registrazzjoni tal-karozza tal-attur ossija IHS 175 bl-ittri jinstabu "… dejjem fuq l-ostji".

Ikkunsidrat

Illi PS 614 Saviour Garcia, gja msemmi esebixxa kopja vera tar-rapport li sar mill-attur lill-Pulizija (fol 28 ibid). Skond l-istess rapport l-attur kien informa lill-Pulizija illi, waqt is-serqa mill-karozza, ittiehdet bagalja sewda kontenenti Bibbja specjali, rigal tal-Papa Pawlu VI "…. And a gold crucifix cross (used for exorcism rites, complainant is an exorcist". Fl-istess rapport, hemm deskrizzjoni ta' dan is-salib cioe "Large gold cross with silver figure on ivory back ground inscribed on the back". Dan huwa s-salib tal-evangelizzazjoni moghti mill-Papa Pawlu VI 11/Aug/1975 "used for exorcism rites". Fl-istess rapport jinghad illi fit-2 ta' Marzu 2002, il-Pulizija giet kontattata mill-attur u dan informaha li l-valur, presumibilment, tas-salib, kien in eccess ta' Lm5000 "…. Due to the extreme importance of its use rather than the material value". Fl-ahhar nett, hemm imnizzel "Further inquiries with the Archpriest of St Pauls' Bay …. revealed that permission to exorcise is granted by the Archbishop …. and there are only three exorcists …."

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut (fol 39 u 40 ibid) jsostni illi l-artikolu in kwistjoni gie publikat "… wara li saru l-verifiki mal-Pulizija u skond ma irrisulta"… mir-rapport stess tal-Pulizija. Dwar l-istess verifiki hu semma li dawn saru mal-"public relations officer tal-Pulizija" u dan qabel ma' gie publikat l-artikolu in desamina. Fl-ahhar nett, in kontro ezami, hu qal li "L-attur qatt ma kkomunikajna mieghu".

Ikkunsidrat

Illi l-attur jsostni illi l-artikolu in ezami hu libelluz u malafamanti fil-konfront tieghu waqt li l-konvenut li kien l-editur tal-gazzetta in kwistjoni meta l-istess artikolu gie publikat (ara fol 15 ibid), qed jghid li dan l-artikolu hu "semplici rapport … ghat-taghrif tal-publiku u hemm fatti veri kif ukoll li hu nieqes mill "animus imprecandi" u b'hekk ma hux libelluz u malfamanti.

Ikkunsidrat

Illi ghandu jigi rilevat illi din il-Qorti kkonsiderat is-segwenti sabiex tasal ghad-decisjoni taghha:-

1) Hu minnu li jidher li l-artikolu in esami jirriproduci, fedelment u fis-sustanza, ir-rapport tal-Pulizija kif esebit in atti minn PS 614 Saviour Garcia.

2) Pero ghandu jinghad, ukoll, illi mill-istess artikolu ma jidhirx li dan waqaf hawn izda mar oltre billi l-istess gazzetta tghid li tkellmet ma diversi ezorcisti, minghajr ma jissemmew bl-isem, u dawn qalu illi sabiex persuna tista' tesercita ezorcizmu, trid tkun sacerdot u mahtur mill-Arcisqof u b'hekk, saret l-allegazzjoni li l-attur qed jesercita ezorcizmu minghajr ma jkun sacerdot u lanqas debitament awtorizzat mill-Awtorita' msemmija. Jigi rilevat, ukoll, illi fl-ahhar paragrafu tal-istess artikolu jinghad li n-numru tal-karozza uzata mill-attur hu IHS 275, b'konnotazzjoni religjuza ovvja.

3) Dwar dan premess, kien jkun prudenti da parti tal-Gazzetta involuta sabiex taghti informazzjoni kemm jista' jkun bilancjata illi qabel ma l-artikolu in kwistjoni jigi publikat jsir kuntatt mal-attur sabiex dan jkun jista' jkollu l-opportunita li jaghti l-versjoni tal-fatti da parti tieghu u b'hekk jigi evitat kemm jista' jkun illi hu ma jkollux inkwiet fi crieki religjuzi frekwentati minnu u ma jkunx espost ghar-redikolu barra dawn ic-crieki.

4) Fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur, saret referenza ghall-<u>artikolu 12 tal-Kapitolu 248</u> tal-Ligijiet ta' Malta u dan b'referenza ghall-'verita tal-fatti". Dan l-artikolu jelenka <u>b'mod esawrjenti</u> meta tali difisa hi permessa mill-ligi (ara l-artikolu 12(1)(a) sa (e). Minn esami ta' dan l-artikolu b'mod specjali t-tieni "proviso" li telenka b'mod esawrjenti meta l-Qorti tista' tindaga dwar il-'verita tal-fatti, ma jidhirx li dan il-kaz jista' jinkwadra ruhu b'xi mod, taht xi wiehed mill-kazijiet elenkati fis-sub-incizi (a) sa (e) peress li l-attur la huwa ufficjal publiku, la kandidat ghal xi kariga publika, la jesercita xi professjoni, arti jew sengha, la jiehu parti attiva fil-politika u lanqas jokkupa xi posizzjoni ta' fiducja f'materja ta' interess publiku in generali. Konsegwentement f'dan il-kaz ma hix permess illi issir indagni dwar "il-verita' tal-fatti".

5) Ma jistax ma jinghadx u jigi rilevat illi din il-Qorti ma tistax tifhem ghala dan il-kaz inghata daqshekk prominenza u gie konsiderat mill-istess gazzetta bhala meritevoli illi jigi stampat u publikat fl-ewwel faccata tal-harga tal-gazzetta in kwistjoni b'tali prominenza illi, fil-fehma tal-istess Qorti, kien motivat biss, minn sensazjonalizmu esagerat.

Ikkunsidrat

Illi, in konkluzzjoni, peress li fil-fehma ta' din il-Qorti, l-artikolu in kwistjoni ghandu jigi konsiderat bhala difamatorju peress li minghajr ma saret ebda indagni denja ta' dan l-isem da parti tal-konvenut u minghajr ma gie avvicinat l-attur sabiex dan jista' jghid xi inhi l-versjoni tal-fatti mill-angolu tieghu, il-konvenut semplicement, ippublika rapport li sar lill-Pulizija permess ta' rapportagg sensazjonali u sproporzjonat ghan-"news value" tal-kaz in esami. Ghandu jinghad ukoll illi fl-istess "news item" kien gie insinwat illi l-attur, persuna privata minghajr ebda funzjoni publika kien qed jesercita bhala ezorcista minghajr l-awtorizzazzjoni tal-awtoritajiet ekklesjastici kompetenti, allegazzjoni li giet michuda mill-attur. Inoltre dan il-kaz ma hux wiehed li, fih hi permessa l-prova tal-verita tal-fatti, kif hawn fuq gie premess.

Ikkunsidrat

Illi, ghalhekk, l-attur hu intitolat ghal danni a basi tal-artikolu 28(1) tal-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta, liema danni a basi tac-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz qed jigu likwidati fis-somma ta' Lm150.00,0.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti mill-avviz in esami u:

1) tiddikjara l-artikolu in kwistjoni bhala libelluz u malafamanti fil-konfront tal-attur u;

2) tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur is-somma ta' Lm150.00,0 bl-imghax legali mid-data tallum stess sa' dik tal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------